MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Numru 380/2004

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

vs

Benjamin Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Benjamin Farrugia detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 899652M, akkuzat talli:

1. fil-5 ta’ April, 2004 u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra mis-somma ta’ Lm150 proprjeta’ ta’ Mario Cutajar meta din is-somma giet fdata jew ikkonsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat minnha;

2. b'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-probation imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' Frar 2003;
3. sar recediv ghat-termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-verbal taghha tas-27 ta' Settembru 2005 u dak tal-lum;

Ikkunsidrat:

L-imputat qieghed jiffaccja fost akkuzi ohra dik tal-approprjazzjoni indebita liema akkuza hija sorretta fuq il-fatt li l-imputat spacca ruhu ta' agent ta' assikurazzjoni u approprja ruhu minn Lm150 minghand il-kwerelant. Dan il-fatt jinsab pjenament pruvat mhux biss mix-xhieda tal-kwerelant izda anka mill-istqarrija tal-istess imputat. Mill-provi in atti ghandu jirrizulta wisq car li jikkonfigura pjenament ir-reat previst fl-Artikolu 293 tal-Kap 9.

Ikkonsidrat pero' li seduta stante l-imputat irrestitwixxa l-ammont involut fil-proceduri.

Ghalhekk, u wara li rat l-artikolu 293 tal-Kap 9 tiddeciedi li fuq l-iskorta tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------